# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2771

**Kaz Nru. 3561/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Elton John Debono (ID 418378 M)**

**u**

**Oiltanking Malta Limited.**

**(dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Elton John Debono li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-22 ta' Gunju, 2017. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Abigail Critien u s-socjeta ntimata kienet raprezentata mill-Avv. Paul Gonzi.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-socjeta ntimata bhala Operator u kien ilu fl'impieg mill-1 ta' Novembru, 2006. Huwa jghid ukoll, li d-dhul annwali tieghu kien ta' €27,017.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kien akkuzat b'insubordinazzjoni u negligenza kbira liema akkuzi gew ikkontestati. Huwa jghid ukoll, li wahda mir-ragunijiet kienet ghax ma kellux rota peress li din kienet insterqet xi sitt xhur qabel u b'dan kien jaf l-Operations Manager Alexander Fenech kif ukoll, ghax meta ma jkunx hemm vapuri jista jintuza vann fuq il-moll u din kienet il-prassi f'dak iz-zmien tal-kaz.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll li fil-25 ta' April, 2017 ma kien hemm ebda vapur mal-moll u ghalhekk ma kien hemm ebda raguni li ma setghax juza l-vann, specjalment invista tal-fatt li ma kellux rota disponibbli ghalih. Huwa jghid ukoll, li kien biss wara l-kaz li kellu li s-socjeta harget policy li ma jistax isir patrol bil-vann.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li dak inhar tal-kaz li kien fil-25 ta' April, 2017 huwa segwa bil-karozza lix-shift leader Reuben Azzopardi biex jispjegalu li ma kellu ebda ntenzjoni li jkun insubordinanti u li s-sitwazzjoni ta' dak inhar setghet facilment giet rizolta billi jintuza l-vann ghaliex ma kienx hemm vapuri u ghaliex ma kellux rota.**

**Huwa jkompli jghid, li l-ispjegazzjoni li ried jghati giet interpretata bhala theddida da parti tal-istess Reuben Azzopardi u ghamel rapport mal-Puluzija, izda sussegwentament huwa rrejalizza li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet wahda genwina u wara Reuben Azzopardi ghamel dikjarazzjoni fl'ghassa ta' Marsaxlokk li ma riedtx jipprocedi kontra r-rikorrent.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li fit-2 ta' Mejju, 2017 gie akkuzat bl-incident u wara procedura dixxiplinarja gie misjub hati tal-akkuzi kontra tieghu u l-impjieg tieghu gie terminat fil-11 ta' Mejju, 2017.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li t-terminazzjoni ta' l-impjeg tieghu kienet ingusta u li fil-verita Reuben Azzopardi huwa bniedem difficli immenss. Huwa jghid ukoll, u jghamel riferenza ghal-petizzjoni li saret mill-haddiema kontra Reuben Azzopardi ghax il-haddiema kollha ghandhom kwistjonijiet mieghu.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li kien hemm kaz li fuq struzzjonijiet tas-CEO Sonke Stein kien ghamel rapport fuq l-LPG u dan naturalment tefa dell ikrah fuq il-managers kollha nkluz fuq l-Operations Manager Alexander Fenech. Huwa jghid ukoll li tant hu hekk, li l-kwistjonijiet personali bejnu u Alexander Fenech baqghu ghaddejjin sas-2016 fejn ir-rikorrent gie akkuzat li ma marx ghax-xoghol minghajr approvazzjoni tal-leave meta**

**fil-verita kien Alexander Fenech stess li rrangalu r-roster biex ikun maintenance back up halli jkun jista jsiefer. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li l-karta ghall-applikazzjoni tal-leave kienet thalliet taht il-bieb kif normalment isir u ghalhekk mhux minnu li l-management ma kienx jaf li huwa kien se jsiefer. Huwa jghid ukoll, fuq din il-kwistjoni kien inharieglu warning liema warning gie kkontestat.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jitlob lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu kienet ingusta u saret bi ksur tal-ligi.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrent kien gie akkuzat b'insubordinazzjoni u negligenza grossa u liema akkuzi fl-opinjoni tal-kumpanija gew ppruvati. Is-socjeta tghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret wara li huwa gie mghoddi process ta' dixxiplina skond il-Ftehim Kollettiv li hemm bejn is-socjeta u l-General Workers Union. Hija tghid ukoll, li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li matul il-lejl ta' 24 ta' April u l-25 ta' April, 2017 gie rrapurtat li kien hemm xi argument bil-fomm bejn ir-rikorrent u x-shift leader Reuben Azzopardi u dan kien dwar struzzjonijiet li kien ta' x-shift leader lir-rikorrent.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li kien gie rrapurtat lilha li wara li spicca x-shift ir-rikorrent baqa jistenna lix-shift leader fil-vettura personali tieghu, tant illi meta x-shift leader telaq minn fuq il-post tax-xoghol ir-rikorrent saq ghal warajh b'element ta' rabja sakemm ix-shift leader hass il-htiega li minflok isuq lejn id-dar, saq lejn l-ghassa tal-Puluzija u ntervjenew il-puluzija meta r-rikorrent hareg minn gol-vettura u resaq lejn ix-shift leader u wera l-intenzjoni li jinbuttah jew izommu milli johrog minn gol-vettura.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tkompli tghid, li giet infurmata mix-shift leader li hu kien ghamel rapport mal-Puluzija izda wara kien talabhom sabiex ma jipprocedux kriminalment kontra r-rikorrent u dan ghamlhu mhux ghax kif jghid ir-rikorrent li x-shfit leader kien irrejalizza li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet wahda genwina, izda ghaliex ix-shift leader kien beza li r-rikorrent ipattijielhu u dan peress li t-tifel tieghu kien imur l-istess skola mat-tfal tar-rikorrent.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li kif gie rrapurtat lilha mix-shift leader ir-rikorrent beda jsegwih bil-vettura tieghu x'hin spiccaw mix-xoghol fis-7 ta' fil-ghodu u huwa hass li kellu jmur jghamel rapport l-ghassa ta' M'xlokk u qabel ma ghamel dan ir-rikorrent segwieh u qabzu u qallu bqajt gej l-ghassa bezzieh u beda jiccelingjah ghal glied ukoll.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-argument li kien hemm bejn iz-zewg impjegati kien relatat ma ordnijiet li x-shift leader kien awtorizzat li jaghti anzi li**

**kien obbligat illi jordna sabiex jassigura li jinzammu regoli u tigi salvagwardjata s-sahha u s-sigurta fuq it-terminal u specjalment fuq il-jetty partikularment meta jkun qieghed isir il-patrol.**

**Fl'istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li x-xoghol li kellu jghamel ir-rikorrent kien il-patrol fuq il-jetty li dan irid isir jew bil-mixi jew bl'uzu ta' rota. Is-socjeta tkompli tghid, li dak il-hin li r-rikorrent kellu jghamel ir-ronda nzerta li kien hemm ix-shift leader u lemah lir-rikorrent li kien ser isuq vettura fuq it-terminal f'cirkostanzi li ma kienux jippermettu s-sewqan ta' din il-vettura fuq il-moll u ghaldaqstant ordnalhu sabiex ma jsuqx il-vettura.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li hija regola mgharufa mill-impjegati tal-OTM u din riflessa fid-dokument ufficjali tal-kumpanija li huwa pprojbit li fuq it-terminal jingarr jew jittiehed jew jinstaq taghmir jew makkinarju jew kwalunkwe oggett illi jista jkun fjammabbli jew source of ignition, hlief f'certu cirkostanzi awtorizzati.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li dawn ir-regolamenti huma mgharufa mill-impjegati u hija ghal din ir-raguni li l-impjegati jinghataw rota biex tiffacilita  r-ronda u jkunu konformi mas-Safety Rules and Regualtions li jispecifikaw "No vechiles should be used whilst patrolling the termination especially the jetty"**

**Is-socjeta tirreferi ghal klawsola Nru 4.1 li tghid "The use of vechiles should be controlled, particularly in hazardous areas. Vechile permits can be issued by other OTM staff after consulting with the Opertions Manager, shift leader or assistant shift leader or the operator on security duty. Is-socjeta tghid ukoll, li ghaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jiggustifika lilu nnifsu billi jghid li ma kienx hemm policy dan ghaliex :-**

**a) Fl-ewwel lok kien hemm u ghad hemm policy,**

**b) Fit-tieni lok anke li kieku ma kienx hemm policy bil-miktub, ma hemmx dubju li r-rikorrent kien jaf li ma jistax juza vettura fuq it-terminal/jetty hlief f'certu cikostanzi awtorizzati,**

**c) Fit-tielet lok, ir-rikorrent kellu ordni diretta u legittima minghand ix-shift leader u ghaldaqstant bla dubju f'dk il-mument l-uniku ghazla li kellu kien li jsegwi dawk l-istruzzjonijiet liema struzzjonijiet kienu ragjonevoli u legittimi.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li appparti l-vettura tista tkun source of ignition, il-patrol ma jistax isir b'uzu ta' vettura ghaliex minn go vettura wiehed ma jkunx jista jara sew jekk ikunx hemm xi leakage u jekk ikun hemm leakage jkun hemm riskju kbir ta' xi accident u/jew ta' xi nar jew spluzjoni.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li s-security plan tal-kumpanija jiddisponi illi-:**
**"The person performing the patrol is to be on the look out for security surveilliance and operational abnormalities. Any abnormally or suspicion is to be immediately report to the Oiltanking Malta Control Room and if there is reason for perusal of the abnormality/suspicion, then the Malta Freeport Security Personnel at the Main Gate should immediately be informed. Given the sensitivity and nature of the products stored within Oiltanking Malta premises internal patrols are performed by Oiltanking Malta own personnel".**

**Is-socjeta tghid ukoll, li kull impjegat ghandu rota li biha jisa jaghmel ir-ronda tal-patrol u hija uzanza li fejn impjegat ikollu hsara fir-rota, sakemm din tigi imsewwija, ikollu jew jsellef rota ta' xi kollega jew minflok jghamel il-patrol bil-mixi li certament, li jkollok il-hsara jew ma tistax issib ir-rota mhix skuza sabiex tuza vettura fuq jetty biex taghmel patrol.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li tant hija krucjali din il-kwistjoni, illi sahansitra is-Safety Rules and Regualtions jipprovdu fi klawsola 1.3 (e) li tghid :-**
**"The bicycles must be properly mantained and must not be equipped with a dynamo or other unapproved technical equipment". Is-socjeta tghid ukoll, li dawn ir-regoli huma mportanti ghaliex sahansitra semplici dynamo li taghti d-dawl mwahhla mar-rota tista tkun ta' periklu kbir fl'ambjent tax-xoghol bhal ma hu dak li tahdem fih is-socjeta. Illi bl-istess mod ir-regoli jinkludi restrizzjoni minn uzu ta' mobile phones, tape**

**recorders, cameras, calculators, pagers u makkinarju simili jistghu ikunu kawza ta' nar.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ghalhekk mhux minnu dak li jallega r-rikorrent fejn jghid, illi kien biss wara tali incident jew dizgwit li harget policy mill-kumpanija li ma jistax isir patrol bil-vann.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li ma kien hemm l-ebda dubju li x-shift leadr kellu ragun jaghti struzzjoni lir-rikorrent sabiex ma jsuqx il-vettura.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li l-ordni li kien ta' x-shift leader lir-rikorrent ma segwiex, dan kien bi ksur tar-regolamenti tal-kumpanija u b' turija shiha ta' nuqqas ta' rispett, insubordinazzjoni, kontra il-principal u ta' min ghandu l-awtorita u sahansitra agir li kien ngeligenti b'mod li jpoggi lir-rikorrent stess u lill kollegi u terzi persuni fil-vicinanzi f'periklu.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li waqt il-process dixxiplinarju r-rikorrenti ressaq difiza ftit li xejn kredibbli fejn stqarr illi peress li kien tilef ir-rota jew allega li xi hadd seraqlu r-rota huwa ma kellux biex jaghmel ir-ronda u ghalhekk kien gustifikat isuq il-vettura.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-kumpanija ma setghet qatt tkun konvinta b'dan l-argument. Hija tghid ukoll, li kienet skuza wisq frivola u turi li r-rikorrent ma kienx lest jerfa r-**

**responsabbilita ghall agir negligenti tieghu u jew jitlob apologija ghal dak l-agir. Hija tghid ukoll, li minflok ipprova jiggustifikah b'mod legger qisu m'ghamel xejn hazin.**

**Is-socjeta tghid ukoll li tajjjeb jinghad, illi wara t-temm tal-impieg tar-rikorrent il-kumpanija sabet ir-rota tar-rikorrent fuq il-post u din hija affermazzjoni li l-iskuza tar-rikorrent li xi hadd kien seraq ir-rota, jew li hu kien tilef ir-rota kienet wahda frivola u nfondata ghal kollox. Is-socjeta tkompli tghid, li wara kollox u b'kull rispett lejn ir-rikorrent biex tilef rota fuq il-post tax-xoghol jew li thalli r-rota minghajr ma taccerta li hija marbuta b'mod sigur hija wkoll turija ta' irrisponsabbilta u nuqqas ta' interess.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li l-struzzjonijiet gew mghotija mix-shift leader kienu ntizi biss sabiex jigu salvagwardjati r-regolamenti u li r-rikorrent saq vettura kontra l-istruzzjonijiet cari tax-shift leader hija kwistjoni serja.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li mpjegat jiddiksuti ma shift leader u anke forsi jiddibatti b'responsabbilita dwar id-dmirijiet u l-andament tax-xoghol jista jsir f'certu cirkostanzi imma within limits u din hija accettabbli, izda li r-rikorrent sab lix-shift leader u argumenta dwar l-ordnijiet li kien ircieva fl-ahhar tax-shift tant li r-rikorrent spicca jistenna lix-shift leader fil-vettura tieghu sakemm dan telaq mill-post tax-xoghol u saq warajh ma tistgha qatt tkun ittollerata fid-dinja tax-xoghol u certament**

**kwalunkwe principal ma jista qatt jaghlaq ghajnejh ghal din it-tip ta' vjolenza fizika u psikologika bejn l-impjegati specjalment meta din tkun reazzjoni ghal struzzjonijiet legittimi li nghataw u li kienu skond il-parametri tal-awtorita li jgwadi minnu x-shift leader, liema struzzjonijiet kienu ntizi biss sabiex jigu salvagwardjati r-regolamenti dwar is-sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li kienet harget "charge letter" datat 2 ta' Mejju, 2017 u r-rikorrenti kellu l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu u kien assistit minn rapprezentant tal-Union.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li waqt is-smigh tal-kaz il-General Workers Union kienet ikkonfrontata b'diffikulta stante li accettat li tirraprezenta kemm lir-rikorrent kif ukoll lix-shift leader u ghaldaqstant, kienet rinfaccjata b'element ta' kunflitt ta' interess bejn iz-zewg membri taghha ghalkemm, tajjeb jinghad illi l-GWU irrikonoxxiet li r-rikorrent agixxa b'mod skorret ghal kollox specjalemt billi saq wara x-shift leader b'element ta' theddida. Is-socjeta tghid ukoll, li l-GWU resqet l-argumenti kollha favur ir-rikorrent sabiex tiskolpih mir-risponsabbilta jew almenu sabiex il-kumpanija ma tasalx ghal konkluzjoni ta' tkeccija.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li minn naha l-ohra l-GWU naqset illi tirraprezenta b'modd konkret favur ix-shift leader tant, illi kienet insisstiet illi s-shift leader ma kellux jitkellem f'aktar dettal fuq il-mertu tal-kaz, izda minflok kellu jistrieh fuq statement bil-miktub li**

**huwa kien ipprezenta qabel u dan sabiex tigi evitata sitwazzjoni fejn il-GWU tispicca b'kunflitt dirett li tiddefendi liz-zewg membri taghha kontra xulxin.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li dan il-konflitt ta' interess hareg ferm aktar meta wara t-temm tal-impjieg tar-rikorrent, is-socjeta saret taf permezz tar-rikors tar-rikorrent li l-Union kienet fiz-zmien qabel ma tkecca r-rikorrent u fil-fatt l-istess gurnata tal-incident tal-24 ta' April, 2017 tghat il-barka sabiex issir petizzjoni kontra ix-shift leader, u cioe sabiex Reuben Azzopardi jitnehha minn shift leader. Is-socjeta tghid ukoll, li l-kumpanija giet infurmata li kien ix-shoptseward Alfred Mercieca li ressaq il-petizzjoni mal-kollegi tieghu u dan minghajr ma kienet taf il-kumpanija.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li tajjeb jigi ccarat illi fil-gurnata tad-disciplinary hearing is-CEO tal-kumpanija kien semgha li kien hemm xi petizzjoni, izda ma kienx raha u ma kienx jaf x'kien il-kontenut u nfatti kien saqsa lir-rapprezentant tal-Union Sandro Vella jekk dan kienx jaf biha izda r-risposta kienet li ma kienx ser jaghti dettalji u l-kumpanija tkun tista ssir taf biha biss jekk ikun hemm decizjoni ta' tkeccija fil-konfront tar-rikorrent. Is-socjeta tghid ukoll, li l-ewwel darba li rat il-petizzjoni kienet meta rceviet kopja tar-rikors promotur tar-rikorrent.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ghal kull buon fini qabel ma pprezentat din ir-risposta kitbet separatament lill Union fejn talbet kjarifika pero sal-gurnata tas-6 ta' Settembru, 2017 hija ma rceviet l-ebda risposta.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li hija tal-fhema li x-shift leader kien qieghed jaghmel xogholhu u bir-rispett kollu, anke li kieku huwa bniedm rett f'xogholu u ma subordinate tieghu ma jfissirx illi xi hadd qatt jista jkun gustifikat li jagixxi bil-mod kif agixxa r-rikorrent.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li fir-rikors tieghu r-rikorrent jghamel riferenza ghal warning li kien inhareg kontrih fit-2016 u hija tghid li tajjeb li jinghad, illi dik kienet kwistjoni ghal kollox differenti u li apparti huwa stat ta' fatt li r-rikorrenti kien ircieva warning, il-mertu spjegat aktar il-fuq kien il-mertu li fuqu giet primarjament deciza t-tkeccija. Is-socjeta tghid ukoll, li ghal kull buon fini qed tipprezenta id-dokumentazzjoni relevanti ghall-ewwel warning li fil-fatt kien jirrigwardja zewg incidenti simili.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li wara li saret il-procedura dixxiplinarja l-kumpanija kellha tizen dak kollu li kellha quddiema u tghat kont ta' dak kollu li kien gara, inkluz l-incident kif irrapurtat fil-fatt kien sehh u dan kien ikkonfermat ukoll mir-rikorrent stess. Ghalhekk is-socjeta tghid, li kif irrizultala li dan kien kaz ta' kondotta hazina grossa u li kienet timmerita tkeccija u skond il-ftehim kollettiv.**

**Il-kumpanija tkompli tghid, li m'ghandix tittollera dak it-tip ta' agir provokattiv u theddid specjalemt f'ambjent tant sensittiv li fiha qed topera. Is-socjeta tghid ukoll, li d-decizjoni ta' tkeccija giet notifikata permezz ta' ittra mibghuta lir-rikorrent datata 11 ta' Mejju, 2017.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrja tal-kaz taghha fejn tghid, li l-pretensjonijiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda u titlob lil dan it-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet gusta u ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kien ilu mpjegat mas-socjeta mill-1 ta' Novembru, 2006 u l-impieg tieghu kien fil-grad ta' Operator.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fit-2 ta' Mejju, 2017 inhareg "charge" fil-konfront tar-rikorrenti minn Alex Fenech li jokkupa l-kariga ta' Operations Manager li kien jghid " This Chareg Letter is being issued in relation to the incident occurring on the 25th April, 2017. When on night duty, it was your turn to patrol the jetty and you were going to perform the patrol using the Red Toyota where it is only to be used when going to jetty 4.**

**On the terminal the Red Toyota is only to be used when collecting pigs to transport them to jetty 4.**

**Your shift leader stopped you from using the Red Toyota, and informed you that patrols are to be perfomed using the bicycle or on foot. But You ignored the instructions issued by your shift leader which results in insubordination. The use of a vehicle when patrolling the jetty and the way you performed the patrol, you failed to adhere to the Safety and Security Policies.**

**On completion of the patrol, you went to the control room where the shift leader asked you why you still used a vehicle to perform the patrol when he had instructed you not to do so. To this you argued with your shift leader that the vehicles and the terminal does not belong to him and to mind his own business.**

**Upon leaving the terminal you followed him to Marsaxlokk police station where you started shouting and threating him. Due to the commotion a police officer came out to control the situation.**

**The above mentioned items, Insubordination, Gross negligence or failure to adher to Safety and Security Policies and threatening your shift leader are items listed in the Collective Agreement.**

**This charge letter is being issued in reference to the Collective Agreement Paragraph 51, sub paragraph 51.3"**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li xi xhur qabel il-kaz ir-rikorrenti kienet insterqietlu r-rota u dwar dan huwa kien irraporta lill Operations Manager fejn qallu li sakemm jghatuh rota ohra kellu jissellef rota minghand il-haddiema li kellhom rota ghad-dispozizzjoni taghhom biex jghamlu l-patrol.**

**Rigward il-kaz inkwestjoni fix-xhieda tar-rikorrenti tas-6 ta' Novembru, 2018 jghid "Kont qieghed xoghol night, kien imissni l-patrol. Jien kont avzajt lil Manager tieghi xi xahar qabel li kont qieghed bla rota". Ir-rikorrenti jghid ukoll li l-Operations Manager qallu biex jissellef rota minghnad haddiema ohra sakemm jigi pprovdut b'rota ohra.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll fix-xhieda tieghu li bil-mixi minn fejn kien sat-tarf tal-jetty ghandek kilometru. Huwa jkompli jghid, li dak inhar ma kienx hemm roti barra ta' shabu ghax ma kienx hemm vapuri u kien lejl kwiet.**

**Huwa jghid ukoll "Qed issa biex naghmel il-patrol ninzel bil-vann u nerga nitla peress li kien il-maltemp, mhux l-ewwel darba li grat. Biex inkun onest qbadt il-vann l-ahmar bi zball, hareg ix-shift leader mit-tieqa u qalli fejn sejjer qalli dak mhux ghall-Jetty 4".**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li qal lix-shift leader "Ghandek ragun. Ergajt ipparkjatu f'postu mill-ewwel, indunajt jiena dak ghall-Jetty four. Ghall-mument ma ndunajtx pero x'hin gew shabi bil-vann dak il-hin stess ghax ezatt kif ipparkjatu gew huma qbadt il-vann taghhom u mort nghamel il-**

**patrol". Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li dak il-vann kien jintuza fuq il jetty u zgur ma kienx se jaghmel xi haga biex jipperikola lill shabu u lilu nnifsu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li r-rikorrent ghamel il-patrol mar fil-control room biex jghalaq il-patrol u hemm gie ffaccjat mix-shift leader fejn qallu li ma kienx obda l-istruzzjonijiet tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li qam argument bejn ir-rikorrent u shift leader fejn ix-shift leader qal lir-rikorrent li ma kienx mexa ma l-istruzzjonijiet tieghu u min naha tar-rikorrent ghamel l-argument tieghu fejn qal lix-shift leader li ma kienx uza l-vann li qallu li ma juzax u uza vann iehor li kienu ghadhom gejjien bih il-haddiema u li kien jintuza fuq il-jetty.**

**Mill-provi li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali fil-waqt minn naha tal-management jghid, li skond il-procedura l-patrol kellu jsir bil-mixi jew bir-rota jidher li skond xhieda ohra li dehru quddiem it-Tribunal Industrijali kien hemm il-prassi li meta ma jkunx hemm vapuri mal-moll il-patrol kien isir ukoll bil-vann.**

**Mix-xhieda ta' Terrance Cuschieri fis-seduta ta' 26 ta' Settembru, 2019 jghid "li bir-rota tmur kullimkien minghajr restrizzjonijiet, bil-vann jekk ma jkunx hemm il-barrier imnizzla per ezempju fuq il-Jetty, tista tinzel u jekk ma jkunx hemm operation ghaddejja tista tmur".**

**Quddeim it-Tribunal Industrijali xehed ukoll Sean Mizzi u fis-seduta ta' 4 ta' Gunju, 2019 jghid "li fuq il-jetty ahna nistghu ninzlu bil-vetturi. Kwalumkwe vettura tista tinzel fuq il-jetty. M'hemmx xejn li zjommok milli ma tinzilx bil-vettura fuq il-jetty. Pero jekk ikun hemm vapur imqabbad jew ikun hemm tip ta' venting hemmhekk ghal ebda raguni ma nistghu ninzlu bil-vettura".**

**Fix-xhieda tar-rikorrent tas-seduta tas-17 ta' Lulju, 2018 huwa jghid dwar l-argument max-shift leader li qallu li ma messux johloq daqsekk elogija ghax nizel naqra bil-vann fuq il-jetty. Huwa jkompli jghid, li x-shift leader beda qiesu juza l-pozizzjoni tieghu u jghid ghax hawn jien nikkmanda.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li qal lix-shift leader "Ghedtlu mitt darba u elf jien m'ghamilt xejn specjali, m'ghamilt xejn ta' barra min hawn. Inzilt fuq il-jetty bil-vann, m' hawnx vapuri mhux qed nohloq perikli".**

**Ir-rikorrenti jkompi jghid li qal lix-shift leader "il-patrol kemm il-darba saret hekk. Ghedtlu m'ghandekx ghalfejn toqghod tohloq dan l-elogu kollu. Hu iktar jirrabja insomma. Qalli issa naraw niehdux xi passi dixxiplinarji".**

**Fl'istess xhieda ir-rikorrenti jirreferi wkoll dwar ir-relazzjoni li kellu max-shift leader u jghid "dejjem tkellimna, ilna hdax il-sena nahdmu flimkien.**

**Dan il problema li ghandu li jara kif ha jghaffeg lil-shabu biex jiehu il-punti ghall-karigi li jkun qed jithajjar jitla ghalihom. Darba minnhom ukoll, qalilna li qed nitilfu l-ghodda tax-xoghol u rrapurtana il-Manager imbghad insiru nafu li kien qed jahbiha hu".**

**Rigward il-kaz li r-rikorrenti segwa lix-shift leader barra l-post tax-xoghol fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru, 2018 jispjega li hu kien irraguna li x-shift leader kien juza l-pozizzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol u jekk jitkellmu barra jkun jista jirraguna ahjar. Ir-rikorrenti jghid ukoll li huwa qatt ma kellu f'mohhu li jerfa jdejh fuq ix-shift leader.**

**Mill-provi jirrizulta, li meta spiccaw mix-xoghol ir-rikorrent stenna lix-xhift leader barra l-post tax-xoghol u meta x-shift leader ma kellmux u dahal fil-karozza, ir-rikorrent qallu biex jigbed mal-hajt halli jkellmu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li peress li x-shift leader ma tax widen tieghu u saq il-karozza huwa baqa jsuq warjah sakemm gibed lejn l-ghassa ta' Marsaxlokk u waqaf quddiem l-ghassa.**

**Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu jkompli jghid, li hu nizel mill-karozza u mar hdejn il-karozza tax-shift leader u malli rah tella t-tieqa tal-karozza pero halla l-bieba miftuha u r-rikorrenti fetah il-bieba. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kieku ried jerfa jdejh fuqu setgha jghamel dan pero qatt ma kellu l-intenzjoni li jerfa jdejh fuqu ghax kull ma ried hu li jkellmu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li waqt li kien hemm il-battibekki bejniethom hargu il l-puluzija mill-ghassa ghax semghu l-argument pero ma gara xejn u telqu lejn id-dar.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jkompli jispjega dwar ir-relazzjoni tax-xoghol li kien hemm max-shift leader Reuben Azzopardi fejn fix-xhieda tieghu tas-6 ta' Novembru, 2018 jghid li qal lil Reuben Azzopardi "Kif trid inti ssegwi ordni tieghek. Jekk inti lili qed tahbieli l-ghodda biex nahdem. Oqghod wahhal fina li qed nitilfuha. Dawn affarijiet jiffrustawk kuljum. Dawn ta' kuljum, inti sejjer ghal bicca xoghol, taf li jekk tuza impacter ha tbati hafna inqas ghax trid tholl kull bolt thirty six u forty one u forty six iddum ittih bil-mazza ma nghidlekx kemm, imbaghad ghandek strument, air range jghidulu ittih daqsxejn hekk u jinhall il-bolt. Ghaliex tridni nhollhom kollha b'idejja serbgha u ghoxrin bolt. Dik kattiverja. Kattiverja grassa din ta' fix-xemx barra".**

**Fl'istess xhieda r-rikorrenti jkompli jispjega dwar l'attitudni ta' Reuben Azzopardi u jghid "dan ix-shift leader qed jara lill kollega tieghi qed iqabbad makna tal-petrol dak il-hin ha tmur targumenta mieghu ?" Huwa jghid ukoll li qal lix-shift leader "zomm naqra postok, ghedtlu qed jahdem fuq bicca xoghol delikata, ghedtlu issa ha tmur targumenta fuq spanner ghax mhux spanner ghax tilfu, kien ilu sejjer xi tliet ijiem biha, ghedtlu issa itajjar il-gasket u jimla kull m'hawn petrol u naqilghu warning papali"**

**Rigward r-relazzjoni tax-xoghol li l-haddiema kellhom max-shift leader xehed ukoll Terrence Cuschieri fis-seduta ta' 26 ta' Settembru, 2019 u jirreferi ghal Reuben Azzopardi li kien jagixxi b'modd li jipprovokak u jghid "li x-xoghol taghna kien flessibbli, jista jtik bicca xoghol x'taghmel li ma jkollix hin propju fejn taghmila, perezempju din tista taghmilha fil-ghodu, f'nofsinar u fil-ghaxija. Kien jaghmila ovvja li perezempju fis-sajf itijielek wara nofs inhar biex jibaghtek fix-xemx, jghidlek Issa mur, b'dahka, li jien niddiskrivija bhala provokattiva".**

**Huwa jkompli jghid "li l-mod kif kien jassenjana x-xoghol, jigifieri jekk tqabbel ma shift leaders ohrajn konna nifthemu b'edukazzjoni, u lilu kont niddiskrivih differenti ghaliex hekk trid taghmel ghax hekk qed nghidlek jien. Hekk kien jitkellem maghna. Fil-fatt l-ohrajn ma kienux jitkellmu hekk".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li dawn l-ilmenti tal-haddiema waslu ghal attenzjoni tal-management u wara li nvestega dawn ilmenti waslu biex il-management fis-7 ta' April, 2017 ta' verbal warning lil Reuben Azzopardi liema warning kien jghid "This Verbal Warning is being issued to you because as a shift leader you should organize work efficiently.**

**Complians were received that when tightening the bolts on the flange on L15 in TF 1 near the bund wall, they could not use the air wrench as the 41 mm socket, was locked in your tool box and you did not give it to them.**

**When the routine tool check was carried out on the 7th April 2017, you were also asked to open the plastic tool box which was at the workshop. In this were several tools were some of the combination spanners 24 mm which you have claimed these were lost by the operators and also the 41mm socket. This resulted that the blind had to be tightened manually using the spanners and brass mallet. This cause unnecessary conflicts within your shift.**

**All tools were transferred in the general tool locker issued by the company and the plastic tool box was removed from the workshop.**

**Your shift members complained regarding in this matter, they also complained regarding your attitude and behaviour.**

**As a shift leader, you are expected to organize the work efficiently without casuing excessive fatigue and stress within your shift and not cause confusion and conflicts. This is the first report of this nature and hope that your behaviour and attitude towards your shift members will improve"**

**Mill-provi li deheru quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-kumpanija ghanda sistema li kull erbgha xhur il-haddiema jahdmu ma shift leader differenti. Mill-provi jirrizulta wkoll li 31 haddiem ghamlu petizzjoni datata 24 ta' April, 2017 lil Sonke Stein CEO u lil Alex Fenech**

**Operations Manager sabiex jigi mnehhi Reuben Azzopardi minn shift leader taghhom u liema petizzjoni kienet tghid :-**

**"We the undersigned are petitioning to have Mr Reuben Azzopardi (Supervisor) removed from his positon and reprimanded for the following reasons.**

**1 Mr Azzopardi's leadership is put to question many a time especially when he delegates. He does this in such a way it feels like he is abdicating from his responsibility.**

**2 When Mr Azzopardi corrects someone he does this in a humiliating manner. He also thus this during operation, when one can easily make a mistake or cause an accident due to a simple misunderstanding.**

**3 He is constantly compaling and inventing allegations of wrong doings, that casue unfriendly working atmosphere.**

**4 Instead of assisting others when needed, he orders people around causing more stress.**

**5 He malignantly keeps tools and other items in places not within reach of other employees, and in turn accuses the employees of misplacing these items.**

**Terrance Cuschieri fix-xhieda tieghu tas-19 ta' Settembru, 2019 jikkonferma li ffirma il-petition u jghid "Gejt offrut jekk irridx nehodha mieghi u natijielhom lura. Talbuni nibza ghaliha ghax dik hi l-unika karta, pero jien hames sentenzi ma kellix problema biex naqrahom dak il-hin kull ma haditli xi zewg minuti, igifieri kont naf ezatt x'fiha u ffirmajtha".**

**Huwa jkompli jghid li "jinqala kaz bhal dan ghax niezel b'vann fuq il-moll, fejn ma kiser l-ebda regola, ma kellux ghalfejn ma jinzilx, ma kienx hemm restrizzjonijiet u tkecca. Heqq kienet fl-opinjoni tieghi, kienet ftit gravi u li rega kien involut is-Sur Reuben Azzopardi, li jiena ma kellix problema lanqas xejn niffiraha. Jiena ma kontx nhossni komdu nahdem mieghu bhala Shift leader".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Sean Mizzi fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2019 fejn jghid " dwar il-petizzjoni li dik ffirmaha kulhadd barra zewg min nies, giet iffirmata mill-Operators kollha li ma kienx hemm iffirmat huma x-Shift leaders".**

**Huwa jghid ukoll "li konna qed niffirmaw l-attitudni tax-Shift leader ma tistax thallik tahdem mieghu"**

**Fis-seduta ta' 4 ta' Gunju, 2019 xehed ukoll Christopher Spiteri fejn jghid "Gieli kelli kwistjonijiet ma Reuben Azzopardi, ezempju jiena jkolli bzonn leave jghidlek iwa u jghitiha lill haddiehor".**

**Huwa jghid ukoll dwar kif ix-xoghol kien jigi mqassam li ma kienx isir b'mod gust "Illi tkun ilek tnax il-siegha ghaddej, imbaghad il-patrol tieghu tal-ahhar jigi jatih lilek. Kien hemm xi ftit Shift Leaders ohrajn li naqilbu patrol. Jekk tieghi ikun fil-bidu hu jaghmel tieghi u  jien fl-ahhar naghmel tieghu. Hafna min nies kienu jgergru fuqa din. Qed tifhimni kif hu kien imexxi l-istrategija tax-xoghol kif jaqbel lilu biex hu ma jbatix fl-ahhar mill-ahhar". Huwa jkompli jghid "li ghalhekk wasalt biex iffirmajt il-petizzjoni".**

**It-Tribnunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li x-shift leader kien korrett u kellu dritt li jigbed l-attenzjoni tar-rikorrenti li ma kellux jghamel il-patrol bil-vann.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-argument u l-battibekki li sehhew fil-control room bejn ir-rikorrent u x-shift leader. L-argument bazikament kien, li x-shift leader jghid lir-rikorrent li ma segwix l-istruzzjonijiet tieghu ghax nizel jghamel il-patrol bil-vann u minn naha tar-rikorrent jirrispondi li kien obda l-istruzzjonijiet tax-shift leader ghax hu kien qallu biex ma jinzilx bil-vann l-ahmar u li kien nizel bil-vann l-iehor u ma kien ghamel xejn hazin ghax meta ma jkunx hemm vapuri fuq il-moll kienu jinzlu jghamlu l-patrol b'dan il-vann.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota li ghalkemm ir-regolamenti tal-kumpanija jghidu li l-patrol kellha ssir bir-rota jew bil-**

**mixi pero mill-provi li deheru quddiem it-Tribunal Industrijali ndikaw li meta ma jkunx hemm vapuri fuq il-moll kienu jsiru patrols b'dan il-vann li nizel bih ir-rikorrent fuq il-moll.**

**Rigward dan l-argument it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li min hu midhla u ntiz fid-dinja tax-xoghol dawn huma tip ta' argumenti u battibekki li ghalkemm ma jsehhux ta' kuljum fuq il-post tax-xoghol imma huma argumenti li gieli jinqalghu u jieqfu hemm jew jekk ikun il-kaz jiskatta process ta' dixxiplina fejn l-partijiet ikollhom l-opportunita li jghidu l-verzjoni taghhom.**

**Imma l-punt li l-aktar li hu kkoncernat bih it-Tribuanl Industrijali huwa ta' kif zvolga l-kaz fejn ir-rikorrenti segwa lix-shift leader barra l-post tax-xoghol u ghaldaqstant, f'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali huwa obbligat mhux biss li jhares lejn l-incident imma huwa obbligat ukoll li jhares lejn il-kwadru kollu tal-kaz.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra x-xhieda tar-rikorrenti li jghid, li stieden lix-shift leader biex jitkellmu barra l-post tax-xoghol ghar-raguni, li matul l-argument li kellhom ix-shift leader beda jghamilha bi kbira zzejjed u beda qiesu juza l-awtorita tal-management b'modd eccessiv, huwa jghid ukoll li peress li kien ilu jahdem max-shift leader hdax il-sena, fejn meta jkunu barra l-post tax-xoghol jirraguna b'modd u meta jkunu fuq il-post tax-xoghol ix-shift**

**leader jbiddel il-karattru tieghu u kien ghalhekk li stiednu biex jitkellmu barra l-post tax-xoghol.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett ta' ragunar minn naha tar-rikorrent jista jghati l-kaz li hemm certa validita fir-ragunar tieghu ghar-raguni, li kif jirrizulta mill-provi l-atteggjament tax-shift leader mal-haddiema ma kienx wiehed korrett fuq il-post tax-xoghol.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali tresqu xhieda fejn irreferew ghal kazijiet li jesponu l-attitudni negattiva tax-shift leader fejn huwa kien jippromessa l-leave lil haddiem imbghad jghati l-leave lil haddiem iehor, kien jibghat lill haddiema jahdmu fl'eqqel tax-xemx meta dak ix-xoghol setgha jsir f'hinijiet ohra ta' anqas strapazz, kien jahbi l-ghodda lil haddiema biex boltijiet kbar li setghu jinqalaw facilment b'makkinarju, il-haddiema kienu jbaghtu ghax kellhom jaqilghu dawk il-bolts b'idejhom, kien jaqla argumenti mal-haddiema waqt li jkunu qed iwettqu xoghol sensittiv biex jisturmentahhom u kif jirrizulta mill-provi l-atteggjament tax-shift leader mal-haddiema ma kienx wiehed ta' koperazzjoni tant li l-haddiema kollha ghamlu petizzjoni sabiex ma jibqawx jahdmu ma dan ix-shift leader.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-kazijiet imsemmija waqt ix-xhieda gew konvalidati permezz li l-management hareg twissija lix-shift leader dwar l-attitudni u l-imgieba tieghu mal-haddiema.**

**Meta dan it-Tribunal Industrijali jezamina dawn l-aspetti kollha tal-kaz huwa tal-fhema, li probabilment l-argument tar-rikorrent li stieden lix-shift leader biex jiddiskutu barra l-post tax-xoghol kien ikkundizzjonijiet mill-aspett psikologiku tal-kazijiet imsemmija hawn fuq, li jekk jitkellmu l-kaz barra l-post tax-xoghol ix-shift leader setgha jirraguna ahjar u ma juzax l-attitudni negattiva li kien juza fuq il-post tax-xoghol.**

**Infatti t-Tribunal Industrijali minn kif jirrizultalu mill-provi, ghalkemm ir-rikorrent stenna lix-shift leader barra l-post tax-xoghol u segwih bil-karozza u anke meta x-shift leader waqaf bil-karozza u gie avvicinat mir-rikorrent ma jirrizultax li kien hemm xi atti ta' vjolenza fizika.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali ihares lejn il-kwadru kollu tal-kaz huwa tal-fhema, li l-incident bejn ix-shift leader u r-rikorrent ma tistax tizolah bhala ncident ghalih izda ghandu jittiehed ukoll fil-kuntest tar-relazzjonijiet li kien hemm bejn ix-shift leader u l-haddiema li certament ma kienitx relazzjoni ta' armonija.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li bl'attitudni tax-shift leader holoq ambjent ostili fuq il-post tax-xoghol, u nvista ta' dan it-Tribunal Industrijali jghati l-beneficcju tad-dubju li l-istendina li ghamel ir-rikorrent lix-shift leader li jitkellmu barra l-post tax-xoghol, ghalkemm din l-istedina ma kienitx korretta ghar-raguni li l-problemi tal-post tax-xoghol ghandhom jigu diskussi u solvuti fuq il-post tax-xoghol u mhux barra l-post tax-xoghol imma t-Tribunal Industrijali jiehu**

**nkonsiderazzjoni li din l-istedina kienet ikkundizzjonata mill-aspett psikologiku ta' percezzjoni li barra l-post tax-xoghol setgha jisr ragunar ahjar u r-rikorrenti ma kellux l-intenzjoni li juza vjonlenza fizika kif fil-fatt ma jirrizultax li kien hemm.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ihoss, li ghandu jikkummenta dwar ir-relazzjonijiet fuq il-post tax-xoghol u huwa tal-fhema li nutli li organizazzjonijiet tal-management jippromovu biex il-haddiema jigu moghtija korsijiet fuq team work, l-importanza mhux biss ta' extrinsic rewards imma aktar importanti l-intrinsic rewards sabiex il-haddiem ikun lejali lejn il-kumpanija meta mbghad ikollok din it-tip ta' sitwazzjoni fejn membru tal-management li suppost jiffacilita x-xoghol lill haddiema qed jghamel il-hajja tax-xoghol difficli.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fl'istqarrija tal-kaz il-management jghamel riferenza fejn jindika li ghalkemm ma kienx hemm kuntatt fikziku bejn ir-rikorrent u x-shift leader pero l-passi dixxiplinarji huma meritati peress li kien hemm vjolenza psikologika li x-shift leader gie segwit mir-rikorrent.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni dan l-aspett huwa tal-fhema wkoll, li ghalkemm jiddeplora l-atteggjament tar-rikorrent li stenna u segwa lix-shift leader barra l-post tax-xoghol ghax problemi tax-xoghol ghandhom jibaqw u jigu diskussi biss fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk dan l-attegjament tar-rikorrenti kien jemmerita li jittiehdu**

**passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu pero, t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema wkoll, li l-management kellu jiehu wkoll inkonsiderazzjoni fid-decizjoni tal-piena ta' dixxiplina l-aspett li l-modd kif agixxa r-rikorrent kien kundizzjonijiet mill-aspett psikologiku ta' kif ix-shift leader kien jagixxi mal-haddiema.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet ghalkemm it-Tribunal Industrijali jirrikonoxxi li kien hemm kaz ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent pero l-management fil-kunsiderazzjonijiet tieghu kellu jiehu wkoll inkonsiderazzjoni l-aspett kollu tal-kaz inkluz l-atteggjament tax-shift leader mal-haddiema li bl'atittudni tieghu kien qed johloq ambjent tax-xoghol ostili u bl'liema attegjament tax-shift leader kien qed johloq konflitt fir-relazzjonijiet tax-xoghol bejnu u l-kumplament tal-haddiema.**

**Invista ta' dawn ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni li fil-waqt li kien jimmerita li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti pero t-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li meta jigi kkunsidrat il-kaz kollu d-decizjoni ta' terminazzjoni ta' impjieg kienet wahda harxa u l-management setgha jiehu passi dixxiplinarji ohra minflok terminazzjoni ta' l-impieg u ghaldaqstant t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra t-talba tar-rikorrent ghal kumpens, fejn jiddikjara li kien minghajr xoghol bejn 12 ta' Mejju, 2017 u 31 ta' Lulju 2017 u tilef introjtu ta' tliet xhur u nofs li jammontaw ghal €5,628.55.**

**Huwa jghid ukoll, li sab impjieg mill-1 ta' Awwissu, 2017 u matul dan iz-zmien hadem ma kumpaniji ohra imma bi dhul anqas milli kellu mas-socjeta ntimata u meta jikkalkula l-introjtu li tilef sa' l-eta ta' 65 sena li hija l-eta ta' l-irtirar huwa talab kumpens ta' €275,704.63.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu huwa jghid, li ghandhom jittiehdu wkoll inkonsiderazzjoni li t-tkeccija mill-impjieg tieghu kellha riperkussjonijiet li jmorru otlre mill-paga li kif jirrizulta mic-certifikat mediku ta' Dr Mark Xuereb it-tkeccija ngusta kellha riperkussjonijiet ukoll fuq hajtu u ghlalhekk it-Tribunal Industrijali ghandu wkoll jaghti kumpens ghat-tkeccija ngusta tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta li skond l-FS3 tar-rikorrenti ghas-sena 2016 il-paga bazika tieghu kienet €355 fil-gimgha li tammonta ghal €18,460 fis-sena ghaldaqstant, meta r-rikorrenti kien qed jikkwota d-dhul tieghu li jammonta ghal €27,017 din kienet tinkludi l-paga bazika u allowances. Mill-provi jirrizullta wkoll, li r-rikorrenti bejn 29 ta' Mejju, 2017 sal-4 ta' Lulju, 2017 huwa kien impjegat ma' MET ROAD ASSISTANCE LTD.**

**F’dawn il-kunsiderazzjonijiet meta it-Tribunal Industrijali ezamina t-talba tar-rikorrent jirrizultalu, li r-rikorrent qed jassumi li hu kellu xi garanzija ta’ impieg mas-socjeta sa l-eta ta’ l-irtirar u ghalhekk qed jippretendi li jinghata kumpens sa l-eta ta’ l-irtirar.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra t-talba tar-rikorrenti u jezamina l-provi li dehru quddiemu, t-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li qatt kien hemm xi garanzija mis-socjeta li kienet se zzomm fl’impieg lir-rikorrenti sa l-eta ta’ l-irtirar kif ukoll, lanqas ir-rikorrenti qatt ma ta’ xi garanzija lis-socjeta li hu kien se jibqa fl’impieg maghha sa l-eta ta’ l-irtirar.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fid-dinja kompetittiva tax-xoghol lanqas l-istess socjeta m’ghandha xi garanzija li se tibqa topera jew li se zzomm l-istess numru ta’ haddiema ghal dan it-tul ta’ zmien kollu, invista ta’ dan it-Tribunal Industrijali ma jilqax it-talba tar-rikorrenti li jigi kkumpensat sa’ l-eta ta’ l-irtirar.**

**It-Tribunal Industrijali lanqas ma jilqa t-talba tar-rikorrenti li jigi kkumpensat bid-differenza fil-paga u dhul iehor li kellu mas-socjeta ntimata u dan ghar-ragunijiet diga msemmija hawn fuq li ma kienet tezisti l-ebda garanzija ta’ impjieg kif ukoll, li l-paga li kellu mas-socjetajiet li hadem maghhom u ma dik li qed jahdem maghha llum huma skond id-dmirijiet, ir-responsabilijiet u l-kundizzjonijiet tax-xoghol li hadem fihom u li qed jahdem fihom illum.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, it-Tribunal Industrijali jiddciedi li r-rikorrenti ghandu jinghata kumpens ta' €21,000 (wiehed u ghoxrin elf euro) u li dan il-kumpens ghandu jithallas mill-Oiltanking Malta Limited fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u is-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 26 ta' Ottubru, 2021**